MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru. 44/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**ANTHONY LAUTIER**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY LAUTIER** bin Robert u Jane nee Borg imwieled Sliema, Malta nhar il-15 ta' Jannar, 1951u residenti fil-fond numru 3, Flat 3, Triq ix-Xatt, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 72351M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-12 ta' Lulju, 2003 ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija, fil-bajja tax-Xlendi, Ghawdex, saq bastiment zghir bl-isem ta' "Neptune", Valletta f'zona riservata ghall-ghawwiema skond avviz numru 18 tal-2003, mahrug bis-sahha tal-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorita` Marittima Ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta’ Ottubru, 2004 esebit fl-atti u mmarkat bhala dokument CSH sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja. Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar lill-imputa nhar l-24 ta’ Frar, 2005.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-24 ta’ Frar, 2005 **xehed PC 555 Michelang Cremona** u spjega li nhar it-12 ta’ Lulju, 2004 ghall-habta tal-5.15pm, huwa ra lill-imputat diehel permezz tad-dajghsa bl-isem Neptune fil-bajja tax-Xlendi minn gewwa s-swimming zone. Spjega illi l-imputat kien qed isuq bil-mod hafna u beda jdoqq il-horn. Huwa mar fuqu u staqsieh ghaliex kien ghaddej minn hemm, u l-imputat dak il-hin wiegbu li haseb li kien passagg ghad-dghajjes. L-imputat spjegalu li ma setghax jghaddi band’ohra bid-dghajsa tieghu, ghaliex kien hemm zewg kenuri fin-nofs u ma setax jitrakka mal-moll l-iehor ghaliex kellu nies b’disabilita` a bord fuq wheelchair li ma jistghux jinzlu minn fuq it-tieni moll. Ikkonferma, ghal darba darbtejn, li l-imputat kien qed jitharrek bil-mod u lahaq qabez baga wahda biss fis-swimming zone qabel ma reghha hareg minnha. Nies jghumu kien hemm fl-akwati kollha.

Teddy Cauchi, kordinatur tal-Awtorita` Marittima esebixxa n-notice to Mariners li tohrog l-Awtorita` Marittima fejn tindika li fil-bajja tax-Xlendi hemm swimming zone u li l-linja delineata kienet indikata permezz ta’ bagi sofor ghall-perjodu bejn il-15 ta’ Gunju, 2003 sat-30 ta’ Settembru tal-istess sena.

L-imputat xehed b’mod volontarju u ikkonferma dak kollu li qas PS 555 Mikelang Cremona dwaru u cioe` li huwa dahal bid-daghjsa tieghu fis-swimming zone ghaliex

haseb li kien post indikat fejn kellhom ghaddu d-dghajjes pero’ dan ghamlu b’kawtela ghaliex saq bil-mod u beda jdoqq il-horn biex jallarma lin-nies. Stqarr ukoll illi ma kienx hemm minn fejn jghaddi ghaliex kien hemm zewg kenuri fin-nofs u fil-fatt beda jghaddi minn bejn id-dghajjes billi n-nies li kellu abbord bdew jimbuttaw id-dghajjes li kien hemm permezz ta’ marinar. Huwa fil-fatt esebixxa fotokopja ta’ ritratti mehdua minnu dakinhar tal-incident biex jikkorrobora x-xhieda mghotija minnu.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li qalet li l-Prosekuzzjoni trid tipprova kemm il-mens rea kif ukoll l-actus reus tal-imputat ghall-kummissjoni ta’ dan ir-reat, ghaliex dawn huma reati ta’ strict liabilities, pero’ m’hemmx dubju li din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni x-xhieda mismugha b’mod partikolari dak li qal l-istess xhud tal-Prosekuzzjoni PS 555 fil-konfront tas-sewqan tal-imputat.

**Il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 7 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat ANTHONY LAUTIER hati tal-akkuza kif dedotti kontra tieghu u tilliberah bic-cirkostanzi li ma jghamilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar mill-llum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------